MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2005

Numru 792/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**Vs**

Nure Kamakam

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Nure Kamakam detentur karta ta' identita' 23663A, akkuzat talli:

F'dawn il-gzejjer nhar it-30 ta' Mejju 2005 ghal habta tas-7:30 hrs fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza u/jew hebb kontra PC300 A. Abela persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qed jagixxi fl-esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni mghotija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

Fl-istess lok, hin u cirkostanzi ikagguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna PC300 A. Abela skond kif iccertifikah Dr M.Vella MD

Volontarjament gharaq jew hassar hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara ma tammontax ghal aktar minn Lm50 lira.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa ppersista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Semghet il-provi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Fuq ammissjoni tal-imputat li hi soretta bil-provi li semghet il-Qorti li jikkoroboraw l-akkuzi kontra l-imputat issibu hati.

Rat ghal dik li hija piena l-Artikolu 96, 221 u 325(b) u 17 tal-Kap 9 u tikkundanna lill-imputat sena prigunerija sospiza ghal sentejn bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------